MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 850/2004

**L-Avukat Dottor Pio M. Valletta**

**vs**

**Rosalie Darmanin**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn l-Avukat Dottor Pio M. Valletta li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Effetti personali tal-attur prezentament jinsabu fil-pussess tal-konvenuta fil-fond Flat 5, The Penthouse, Nru. 44, Amery Street, Sliema.

Tali effetti personali tal-attur prezentement fil-pussess tal-konvenuta jinsabu ahjar elenkati u deskritti fil-Mandat ta' Deskrizzjoni bin-Numru 1936/04 fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Pio M. Valletta –vs- Rosalie Darmanin", mahrug minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 t'Ottubru 2004.

Il-konvenuta qed izzomm fil-pussess taghha tali effetti personali tal-attur minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet lill-konvenuta sabiex hija trodd lill-attur l-effetti personali tieghu li qeghdin fil-pussess taghha kif premess, hija baqghet inadempjenti u ma kkonsenjatx tali effetti personali lill-attur.

L-attur qieghed fiz-zgur il-jeddijiet fuq l-effetti personali tieghu permezz tal-hrug tal-precitat Mandat ta' Deskrizzjoni bin-Numru 1936/04 fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Pio M. Valletta –vs- Rosalie Darmanin".

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta qed izzomm effetti personali tal-attur, u senjatament dawk elenkati u deskritti fil-Mandat ta’ Deskrizzjoni bin-Numru 1936/04 fl-ismijiet “L-Avukat Dottor Pio M. Valletta –vs- Rosalie Darmanin”, fil-pussess taghha, fil-fond Flat 5, The Penthouse, Nru. 44, Amery Street, Sliema, bla ebda titolu validu fil-Ligi.

2. Tikkundannaha sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din il-Qorti hija trodd lill-attur tali effetti personali tieghu, taht is-sanzjoni tad-disprezz lejn l-Awtorità taghha fin-nuqqas.

3. Ghall-eventwalità li tonqos milli tikkonsenja lill-attur l-effetti personali tieghu entro t-terminu lilha prefiss ai termini tat-tieni talba attrici, tillikwida, occorendo permezz ta’ periti nominandi, il-valur ta’ tali effetti personali tal-attur.

4. Konsegwentement tikkundannaha, ghall-eventwalità li tonqos milli tikkonsenja lill-attur l-effetti personali tieghu entro t-terminu lilha prefiss ai termini tat-tieni talba attrici, thallas lill-attur, in linea ta’ danni, l-ammont hekk likwidat ai termini tat-tielet darba attrici, flimkien mal-imghax legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Deskrizzjoni bin-Numru 1936/04 fl-ismijiet “l-Avukat Dottor Pio M. Valletta –vs- Rosalie Darmanin”, kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha gie eccepit illi:

Fl-ewwel lok hemm lok ghal konnessjoni ta’ dawn il-proceduri mal-kawza fl-ismijiet Paraggi Holdings Limited vs Rosalie Darmanin et (Cit. Nru. 821/2004TM).

It-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-eccipjenti tikkontesta dak allegat mill-attur, in kwantu fil-mandat ta’ deskrizzjoni 1936/2004 jissemmew diversi oggetti li:-

(a) Kienu jinsabu fil-fond Flat 5, The Penthouse, Nru. 44, Amery Street, Sliema meta l-esponenti flimkien ma’ wliedha dahlet tghix f’dan il-post. Il-post huwa l-meritu tal-kawza fl-ismijiet Paraggi Holdings Limited vs Rosalie Darmanin et (Cit. Nru. 821/2004TM), u stante li dawn kienu accessorji mal-fond l-istess argumenti japplikaw ghal dawn il-mobbli;

(b) Huma proprjetà tal-eccipjenti u ohrajn inghataw b’rigal;

(c) Inxtraw flimkien mill-kontendenti matul is-snin twal li damu jghixu flimkien;

(d) Ingiebu mill-eccipjenti.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hija minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet xhieda viva voce.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

1. Il-Qorti tibda biex tinnota illi ghalkemm f'dawk il-proceduri tressqu hafna provi dwar ir-relazzjoni li kellhom bejniethom il-partijiet, ftit ingabu provi dwar il-mertu essenzjali ta' din il-kawza u cioè, l-oggetti ta' proprjetà personali tar-rikorrenti.

2. Il-Qorti tirreferi fir-rigward ghas-sentenza moghtija llum stess rigward il-fond Flat 5, The Penthouse, 44, Amery Street, Sliema fejn it-talbiet f'dawk il-proceduri Nru. 821/04, qed jigu michuda.

3. Mill-provi prodotti jirrizulta illi Rosalie Darmanin dahlet tirrisjedi fil-fond de quo qabel ma beda jirrisjedi fih Dr. Pio Valletta. Ghalhekk il-Qorti qeghda tassumi illi l-istess fond, li Rosalie Darmanin tokkupa fuq titolu ta' kommodant, digà kien jikkontjeni ghamara u attrezzaturi.

4. Fic-cirkostanzi ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax taccetta li kull ma gie elenkat fil-mandat ta` deskrizzjoni 1936/04 huma fil-fatt proprjetà tal-attur.

5. Mill-banda l-ohra, lanqas ma tista’ taccetta dak li tallega Rosalie Darmanin li diversi mill-oggetti huma proprjetà taghha jew inghataw lilha b’rigal galadarba ma ngabux provi konvincenti dwar hekk. Lanqas ma tregi l-argument li l-oggetti nxtraw mill-partijiet flimkien meta dawn kienu qed jghixu flimkien ghaliex m’hemmx prova ta’ xi akkwist li sar flimkien. Lanqas prova ta’ rigali ma tressqet.

6. Il-Qorti ghaldaqstant tqis li dak li l-attur irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi huwa l-proprjetà tal-oggetti li taghhom huwa pprezenta ricevuti. Inoltre, ir-ricevuti kollha huma kollha ntestati lil Dr. Pio Valletta u fin-nuqqas ta’ prova kontrarja, huma prezunti li thallsu minnu u huma tieghu u ghall-kuntrarju ta’ dak eccepit fil-proceduri ghar-ritorn tal-immobbli, f’dawn il-proceduri ma giex eccepit il-kommodat.

7. Il-Qorti tinnota illi l-prospett esebit mill-attur (fol. 70) b’elenku ta’ oggetti li jsostni li jappartjenu lilu qatt ma giet konfermata bil-gurament u ghalhekk il-Qorti ser tikkonsidra biss dawk l-oggetti li dwarhom gew prezentati ricevuti.

8. Premess dan, jirrizulta ghas-sodisfazzjoni ta’ din il-Qorti illi s-segwenti oggetti huma ta’ proprjetà tal-attur.

(a) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 74
(b) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 75
(c) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 76
(d) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 78
(e) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 80
(f) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 81
(g) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 82
(h) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 83
(i) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 84
(j) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 85
(k) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 86
(l) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 87
(m) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 88
(n) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 89
(o) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 90

(p) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 91
(q) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 92
(r) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 93
(s) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 94
(t) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 95
(u) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 96
(v) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 100
(w) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 101
(x) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 102
(y) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 104
(z) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 105
(aa) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 106
(bb) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 109
(cc) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 110
(dd) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 111
(ee) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 112
(ff) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 113
(gg) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 114.

Ma dawn il-Qorti tinkludi l-kotba kollha relatati mal-professjoni ta’ Dr. Valletta.

Valur

Ghalkemm jirrizulta illi gew prezentati ricevuti b’valur approssimattiv ta’ ghoxrin elf liri Maltin, (il-Qorti tqis l-ammont approssimattiv ghaliex hafna mir-ricevuti kienu f’munita estera), il-Qorti tqis ukoll illi l-valur tad-diversi oggetti llum m’ghadux dak li kien meta nxtraw. Uhud mill-oggetti jkunu tilfu mill-valur fiz-zmien waqt li ohrajn, bhal oggetti tal-fidda u antikitajiet setghu oghlew fil-valur. Ghalhekk il-Qorti qeghda taddotta valur, arbitrio boni viri, ta’ hamsin elf Ewro.

Il-konvenuta ma gabet ebda prova li dawn l-oggetti, jew uhud minnhom huma taghha jew li hija b'xi mod ippartecipat fil-hlas taghhom. Il-Qorti tinnota illi kollha gew akkwistati minn Dr. Pio Valletta personalment wara li Rosalie Darmanin bdiet tirrisjedi fl-appartament u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala komprizi fl-attrezzaturi tal-istess appartament.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba fis-sens illi tiddikjara illi Rosalie Darmanin qeghda tiddetenji bla ebda titolu validu fil-ligi l-oggetti proprjetà ta' Dr. Pio Valletta kif elenkati f'paragrafu Nru. 8 ta' din is-sentenza; tilqa' t-tieni talba u ghal dan l-iskop tipprefiggi terminu ta' xahrejn; tilqa' t-tielet talba u r-raba' talba b'dana illi fin-nuqqas tar-ritorn tal-oggetti kif ordant il-Qorti tordna lil Rosalie Darmanin thallas lil Dr. Pio Valletta s-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000).

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' deskrizzjoni 1936/04 ghandhom jithallsu minn Rosalie Darmanin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------